MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**BONNICI JOSEPH**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 475/2001/1

**Joseph Calleja**

**vs**

**Marianna Calleja pro et noe**

It-Tribunal

Ra l-avviz fejn l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta thallas dik is-somma in linea ta’ danni li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, okkorrendo bl-opera ta’ esperti nominandi, rapprezentanti l-valyur ta’ hsarat u/jew nuqqasijiet li nstabu fil-fond “Luvanes”, Vjal it-torri, gudja, bejn id-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’separazzjoni ta’ bejn il-partijiet, u cjoe’ mis-16 ta’ Lulju 1997 sad-data ta’ meta ;-konvenuta effettivament zgumbrat mill-istess fond in kwistjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ipprezentata fis-7 ta’ Lulju 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv.

Ghal fini ta kompetenza, l-attur jiddikjara illi l-valur kumplessiv tad-danni pretizi minnu jammontaw ghal-cirka Lm 665.00 (sitt mija u hamsa u sittin lira maltin).

Ra r-risposta li tghid li t-talba tal-attur hija nsostenibbli billi;

(1) l-azzjoni ezercitanta minnu hi preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;
(2) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti ma kkagonawx id-danni li ghalihom jippretendi li jigi risarcit l-attur;

Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi, u bl-ispejjez.

Sema’ ix-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra

Illi dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi in linea prelimenari l-ewwel eccezzjoni konvenuta, ossia dik dwar il-preskrizzjoni.

**L-art 2153** tal-Kap 16 jistipula s-sentejn biex parti tfittex ghad-danni.

Illi l-Art V (h) tal-istess kuntratt ikkonceda a favur tal-konvenuta perjodu ta’ disghin (90) gurnata biex tivvaka d-dar b’ effett mis-16 ta’ Lulju, 1997. Fin-nuqqas ta’ prova kontrarja, u ai termini tax-xhieda tal-attur moghtija fis-7 ta’ Mejju, 2002, il-konvenuta harget fit-3 ta’ Ottubru, 1997. Giet prezentata ittra ufficjali fis-7 ta’ Lulju 1999 li giet notifikata fl-10 ta’ Lulju 1999. L-avviz promotorju gie prezentat fl-10 ta’ Lulju, 2001, u notifikat fil-5 ta’ Ottubru, 2001. Jidher ampju allura li s-sentejn lehqu ddekorraw aktar u aktar meta kien hemm diffikolta ta notifika, kif jirrizulta mill-istess riferti u kambjament ta’ indirizz.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Gudikatur.